**FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
*Foundation for Educational Services*

# Workshop Numru 3

**Miriam Galea**
**Il-Ġimgħa u s-Sibt**
**Lingwa: Malti**

# *Kif nikteb introduzzjoni tajba*

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Id-daħla ta' komponiment hija bħar-reklam ta' xi film ġdid. Jintgħażlu biċċiet tajbin ħafna mill-film biex hekk jaħkmu l-kurżità ta' min ikun qed jara r-reklam. Bħal wieħed li jduq il-pjaċir tal-film, mingħajr ma jaf kif, għajnejh jeħlu bħal kalamita ma' dik il-kaxxa s-sewda li aħna nirreferu għaliha bħala t-televiżjoni u jibqa' jsegwi sakemm jasal fl-aħħar mingħajr ma jitlef sekonda. L-istess ngħidu għad-daħla ta' ktieb: wieħed irid jara li juża ħsibijiet u dettalji li jisirqu l-moħħ tal-qarrej.

F'dan il-*workshop* il-parteċipanti ser jitgħallmu dwar strateġiji ġodda biex wieħed jikteb daħliet interessanti għall-kitba tiegħu.

## Nota Bijografika

Miriam Galea kisbet Baċellerat ta' l-Arti fil-Filosofija, Soċjoloġija u "Social Work" u wara kompliet l-istudji tagħha fejn kisbet '*Post Graduate Certificate in Education'* (PGCE) biex tkun tista' tgħallem fl-iskejjel. Il-karriera ta' għalliema bdietha fl-1992. F'Ġunju 2002 ipparteċipat fit-tielet 'Writing Workshop' organizzat mill-MWP u fl-2004 segwiet l-kors fil-livell avvanzat. Is-sinjura Galea tmexxi gruppi ta' ġenituri u tipprovdi taħriġ fil-kitba bħala proċess.. Fis-sena 2004 hija ġiet imħarrġa u nħatret fil-kariga ta' koordinatriċi ta' Klabb Kittieba Żgħar f'Għawdex. Hija mexxiet 'workshops' għall-għalliema, studenti-għalliema u għall-familji Hija serviet ta' *facilitator* u għalliema f'korsijiet għall-ġenituri biex jakkwistaw ħiliet ġodda dwar strateġiji li jgħinu fit-trobbija ta' l-ulied, organizzati mill-Aġenzija Sedqa. Ħadmet ukoll bħala '*project organiser'* fi ħdan l-aġenzija SWDP fejn kienet involuta fit-twaqqif u fl-organizzazzjoni ta' servizzi għal nisa u tfal li jsofru minn vjolenza fid-dar. Ikkoordinat servizzi soċjali u volontarji u organizzat korsijiet għal għaqdiet volontarji, nies li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa u mexxiet riċerka kontinwa dwar servizzi soċjali f'Għawdex. Is-sinjura Galea għamlet xi żmien meta kienet tipprovdi servizz ta' *social work.*

Bħalissa qiegħda ssegwi kors fl-Università ta' Malta fil-livell ta' Masters fl-Edukazzjoni fil-qasam ta' l-iStudji Soċjali fejn attendiet parti mill-kors fl-Università ta' Bristol. It-teżi tagħha dwar l-edukazzjoni tiffoka fuq kif tkun ċittadin tajjeb u attiv.